MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**SAVIOUR DEMICOLI**

Seduta tad-19 ta' Frar, 2013

Numru. 1341/2012

**Il-Pulizija**
**(Spettur Fabian Fleri)**
**(Spettur Carol Fabri)**

**vs**

**STEPHANIA CARABOTT**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni li permezz taghha Stephania Carabott, 32 sena bint Carmelo u Ludgarda nee' Ciantar, imwielda Pieta' nhar il-21 ta' Frar 1980, residenti It-Tina Farmhouse, Hal Ginwi, Marsaxlokk, detentrici tal-karta ta' l-identita' nr. 136680M.

Giet akkuzata talli fis-16 ta' Dicembru 2012 ghall-habta ta' il-23:30hrs minn gewwa l-istabbiliment bl-isem ta' Soho

Lounge li jinsab Triq San Gorg, Paceville San Giljan ikkommettiet serq ta' mobile phone u zewg wallets li l-valur taghhom jeccedi il-232.94 Euro (LM100) ghad dannu ta’ Denise Ellul, Janice Falzon u Sylvienne Cassar, liema serq huwa ikkwalifikat bil-valur u bil-hin.

Rat l-atti u d-dokumenti esebiti.

Rat il-Kunsens ta’ l-Avukat Generali esebit bhala Dok. FC3 u nnutat li l-imputata Stephania Carabott m’ghandhiex oggezzjoni li l-kaz taghha jigi trattat bi procedura sommarja.

Innutat li fl-ezami taghha l-imputata wiegbet li hija hatja tal-akkuza migjuba kontra taghha.

Il-Qorti wissiet lill-imputata bl-aktar mod solenni rigward il-konsegwenzi tal-ammissjoni taghha u taghtha ftit taz-zmien sabiex tiddeciedi jekk tikkonfermax l-ammissjoni taghha jew le, u wara li giet mistoqsija jekk tikkonfermax l-ammissjoni taghha jew le, l-imputata wiegbet li hija hatja tal-akkuza migjuba kontra taghha.

Innutat li fil-Verbal tas-Seduta tallum l-Ufficjali Prosekuturi iddikjaraw li l-imputata ikkoperat bis-shih mal-Pulizija u li r-rifurtiva giet ritornata kollha.

Rat l-artikoli 261(c) u (f), 267, 270, 279(a) u 280(1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Issib lill-imputata Stephania Carabott, fuq ammissjoni, hatja tal-akkuza migjuba kontra taghha u tenut kont ic-cirkostanzi kollha tal-kaz inkluzi l-fatt li l-imputata ammettiet fi stadju bikri tal-kawza u li fil-Verbal tas-Seduta tallum l-Ufficjali Prosekuturi iddikjaraw li l-imputata ikkoperat bis-shih mal-Pulizija u li r-rifurtiva giet ritornata kollha, tillibera lill-istess imputata Stephania Carabott taht il-Provvediment tal-Artikolu 22 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta’ Malta bil-kundizzjoni li ma taghmilx reat iehor fi zmien tlett (3) snin millum.

Finalment il-Qorti qed taghti lill-imputata Stephania Carabott l-ispjegazzjoni preskritta fis-sub-artikolu 22(3) tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------